Minuti tat-44 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 3 ta' Frar, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 4.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |
| **Ufficjali:**<br>Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16 infurmat lill-Kunsill li ma tistax tattendi minhabba skola.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-43 laqgha**

1.1 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoi li fil-laqgha precedenti huwa kien semma li hemm bzonn ta' mera fi Triq Birbuba fejn il-*playing field*. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-korrezzjoni.

1.2 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Budget**

2.1 Inghatat spjegazzjoni tad-draft budget li kien gie ippreparat u b'dak li ser jinkludi. Is-Sindku spjega li bhala fondi spjecjali bhala l-iskema tal-PPP dan ma kienx hemm bdil mis-sena l-ohra u l-fondi ser jimxu ghal din is-sena. Ghal din is-sena ser ikun hemm ukoll zieda ta' €140,000 li jirreferu ghal progett tal-Gemellagg li ser ikun qed jigi implimentat fuq sentejn. Dan ser jinkludi fih zjajar lil Pajjizi involuti jigifieri Portugal, Italia Gerano u Ortezzano, Polonia, Irlanda u Repubblika Ceka.

2.2 Emanuel Muscat staqsa dwar l-ispejjez tac-Child Care Centre. Gie spjegat li dawn ser ikun hemm spejjez u wara ikun hemm dhul peress li issa c-Centru ser jibda' jibbenifika mill-iskema tal-*free child care*. Ghal dan ic-Centru gie ssuggerit li ghandu jinfetah kont bankarju ghalih. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment.

Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi ma' dan il-budget. Kopja tad-dokument finali ser tinghata fl-laqgha ohra.

**3.0 Laqgha mall-partners 5-7 ta' Frar, 2016**

3.1 Kif diga gie spjegat fil-laqgha precedenti, fil-weekend li gej jigifieri bejn il-5 u 7 ta' Frar, 2016 ser issir laqgha mall-partners kollha tal-progett tal-gemellagg. Il-laqghat ser isiru fil-Kunsill il-Gimgha bejn il-5pm u 7pm segwita b'ikla fil-Kunvent. Is-Sibt filghodu ser issir laqgha konklusiva fejn wara d-delegazzjonijiet ser jittiehdu fuq tour bil-Hop On Hop Off. F'nofsinhar ser ikun hemm ikla ghad-delegazzjonijiet gewwa l-Imgarr u fit-3pm terga tinqabad il-Hop on Hop off ghar-Rabat fejn fl-4pm ser ikun hemm il-launch tal-ktieb minn Ana Filomena. Din il-lauch ser tkun ospitata mill-Onor. Dr. Justyne Caruana. Fil-5pm ser issir launch tal-ktieb ta' wahda mill-membri tad-delegazzjoni tal-Portugal u filghaxija ssir ikla gewwa l-Gharb Rangers F.C. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex kemm jista' jkun jattendu ghal dawn il-laqghat.

3.2 Is-Sindku spjega ukoll li skond il-progett, kien hemm il-proposta li l-gruppi jigu gewwa l-Gharb mid-diversi pajjizi ghal Lulju fi zmien il-festa. Pero' minhabba iz-zmien qasir ghall-organizazzjoni peress li jkun stagun tas-sajf ikun difficli sabiex insibu akkomodazzjoni. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li din iz-zjara tigi posposta ghal aktar tard.

3.3 Fil-bidu ta' Gunju ser ikunu hemm iz-zjara gewwa l-Portugal.

3.4 Waqt il-meeting ser tigi diskussa ukoll mad-delegazzjoni tal-Portugal iz-zjara li ser issir f'Gunju. Fost ohrajn ser ikun hemm zjara ufficjai ukoll lis-Sindku ta' Lousa fil-Portugal. Wara ser ikun hemm ukoll hin liberu ghal zjarat tal-post.

**4.0 Zjara lil Lousa, Portugal**

4.1 Gie spjegat li l-Kunsill ircieva domanda kbira minn persuni li xtaqu jmorru l-Portugal. Minhabba din id-domanda u wara konsultazzjoni mall-MEUSAC, persuni li mhumiex mill-Gharb ser jigu mitluba ihallsu iktar mill-ohrajn.

Minhabba l-problema tat-transport gie spjegat li sabiex tissolva l-problema ikun mehtieg li l-4 tfal zghar joqghodu fuq il-genituri u dan dejjem jekk jaccettaw il-genituri.

Gie spjegat ukoll li ser tizdied gurnata u ghalhekk il-grupp ser jitlaq mit-2 ta' Gunju minflok mit-3 ta' Gunju peress li fit-3 ta' Gunju jitlaq fit-tard u ghalhekk tintilef gurnata anke minhabba li l-flight ser tkun bir-Ryanair u tasal Madrid fejn wara hemm madwar 4 sghat ta' vjaggar bil-bus li ser jinqasam fi tnejn. Minhabba li hemm din il-gurnata extra giet ikkalkulata spiza extra u ghalhekk kull persuna ser tintalab thallas l-ammont ta' €20. Imbghad hemm ukoll l-insurance u transport lokali b'total ta' €10 li ma kienx fuq il-flyer. L-Insurance ser tkun *optional* peress li hemm xi persuni li ghandhom il-VISA card tal-bank li tkopri l-insurance ukoll u jkun hemm ohrajn li jaghzlu li ma jixtruhiex.

Emanuel Muscat issugerixxa sabiex nghidulhom bil-European Health Card halli min m'ghandux ikollu sa dakinhar.

Gie spjegat ukoll li minn post ghal iehor bhal vjaggar kull ma jkunx hemm aktar minn siegha jew tnejn.

Emanuel Muscat staqsa dwar il-lukanda hux ser tkun wahda jew inkella l-grupp ser ikollu jitharrek. Gie spjegat li bhala lukanda ser tkun centrali fil-Portugal u intghazlet apposta sabiex ma jkunx hemm distanzi twal ta' vjaggar. Fl-ahhar gurnata l-grupp ser jitlaq mill-Portugal u jieqaf gurnata u lejl gewwa Madrid fejn il-lukanda maghzula hija biss kwarta boghod mill-ajruport u ghalhekk il-grupp ma jkollux jitlaq kmieni hafna. Lil-lukanda ser tintalab il-possibilita' li jinghata breakfast kmieni filghodu qabel jitlaq pero' ghad irridu naraw x'risposta ser tinghata. Bhala parti mill-programm gewwa Madrid ser inkunu qed naghmlu tour tac-centru.

Il-programm ser jigi diskuss aktar fid-dettal mad-delegazzjoni tal-Portugal meta ser ikunu fostna fi tmiem il-gimgha.

**5.0 Skeda ta' Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-Pagamenti.

5.2 Is-Sindku spjega li minhabba l-gruppi ghada l-Kunsill ghandu bzonn ihallas il-biljetti ta' l-ajru. Il-Kunsill approva unanimament dan il-pagament.

**6.0 Korrispondenza**

6.1 Minghand l-Enemalta dwar aktar awtonomija u servizz ahjar lill-Kunsilli Lokali - Sistema gdida ghall-applikazzjonijiet ta' bozoz u materji ohra relatati.

6.2 Minghand id-Ḋipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Memo 4/2016 – Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-korsijiet Lifelong Learning 2016-17.

Emanuel Muscat staqsa dwar il-korsijiet ta' l-Inglizi jistghux isiru mas-Sidien tal-farmhouses. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill ma nistghux norganizzawhom peress li hija mehtiega licenzja apposta.

6.3 Minghand Jacob Muscat dwar talba sabiex isir parking ghall-persuni b'dizabilita' faccata tad-dar tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab l-approvazzjoni tat-Transport Malta u fit-talba ssir referenza ghall-kaz li kien hemm ma' l-Ombudsman dwar parking u sinjali f'din l-istess zona.

6.4 Minghand il-Kunsill Lokali ta' Noto fejn qeghda ssir stedina lill-Kunsill Lokali sabiex jippartecipa ghall-Infiorata taghhom gewwa Noto fi Sqallija bejn it-12 u 15 ta' Mejju. Qed tigi offruta akkomodazzjoni b'xejn ghall-tlett persuni u l-fjuri ser jigu provduti ukoll. Fil-granet imsemmija ser isir workshop dwar l-Infiorata u l-ghada jsir it-tqeghid tal-fjuri. Bhala tema tad-disinn irid ikun fuq leggendi u tradizzjonijiet. Saret diskussjoni fejn is-Sindku issugerixxa lil Michael Bajada sabiex jekk jaccetta jkun hu li jipprepara d-disinn u jitla' mall-grupp gewwa Noto fi Sqallija u dal ghaliex hu kien dak li pprepara d-disinn f'dawn l-ahhar snin. Is-Sindku issugerixxa li la darba din mhix xi haga relatata mall-festa peress li dan fil-festa jaghmel ix-xoghol fuq l-Infiorata bhala voluntier biex jghin, dan ghandu jithallas jew ikun offrut li jitla' b'xejn. F'kaz li dan ma jaccettax ghandha nirrikorru lejn l-artisti li holqu l-Infiorata precedentament. Min ikun dan ghandu jithallas / jew jinghata l-possibilita' li jitla' b'xejn u jkun wiehed mill-grupp li jmorru gewwa Noto. Il-

Kunsill qabel ma' dan u ddecieda li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

6.5 Minghand l-Iscouts fejn irringrazzjaw lis-Sindku u lill-Kunsill ta' l-ghajnuna sabiex setghet tkun ta' success il-mixja li organizzaw b'risq il-Malta Community Chest Fund.

6.6 Minghand l-ARMS fejn il-Kunsill intalab sabiex timtela' formola biex dak li jigi ggenerat mis-sistema tal-pannelli li jkun hemm bhala credit jintefa' fil-kontijiet bankarji.

6.8 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA3190/15, PA4077/15, PA00023/16 u PA3236/14.

6.9 Minghand il-Parlament dwaqr il-fuljett gdid mahrug mill-ufficju tal-Ispeaker.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Gie spjegat li l-latrina ta' Triq ta' Pinu qed ikollha ta' spiss hsarat u gie issugerit li din tinghalaq u terga' tinfetah ghal zmien il-Ghid. Bhalissa kollox qed isir b'mod temporanju peress li din suppost ser titwaqqa bhala parti mill-progett tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghalaq u tinfetah lura ghal zmien il-Ghid.

7.2 Is-Sindku qal li l-hajt li kien inbena fi Triq Birbuba fejn id-dar tas-Sur Michael Piscopo ghandu bzonn li jitranga sabiex jkun aktar uniformi. Ghaldaqstant hemm bzonn li jsir ix-xoghol mehtieg sabiex jitranga. Il-Kunsill qabel li ghandhom jittiehdu l-azzjonijiet mehtiega sabiex dan jitranga.

7.3 Kien diskuss ix-xoghol li qed iwettaq Raymond Rotin. Peress li bhalissa il-Kunsill jinsab bla *handyman* kien hemm qbil li dan ix-xoghol ghandu ikun inkarigat minnu is-Sur Rotin u ghandu jinghata kumpens sa massimu ta' €100 fix-xahar.

7.4 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li fi Triq San Dimitri hemm hitan li qeghdin f'periklu li jaqghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel dawn ix-xogholijiet waqt l-andament tax-xoghol tat-Triq San Dimitri.

7.5 Is-Sindku spjega li waqt laqgha li saret mall-Green MT aktar kmieni, dawn xtaqu li ssir attivita' bejn it-2 u 3 ta' April, 2016. Din l-attivita' ssir flok l-attivita' tal-Karnival. Pero' qabel kollox il-Kunsill irid jara dawk li kellhom zifna tal-karnival jekk ghadx ghandhom il-kostumi u ghandna naraw din l-attivita' tistax issir fuq jumejn. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu ikkuntatjati l-kumpaniji taz-zfin u jinbeda' xoghol fuq din l-attivita'.

7.6 Il-Kunsill gie infurmat li t-Transport Malta giet mitluba mir-Residenti ta' Numru ___ Pjazza Zjara tal-Madonna sabiex quddiem id-dar taghhom fil-kantuniera ssir hadida peress li l-bankina qeghda tintlaqat u diga inkisret. Din il-haddida ser tkun sservi ukoll bhala protezzjoni. Saret diskussjoni fejn is-Sindku qal li min-naha tieghu m'ghandux oggezzjoni ghal din pero' wiehed irid jaraw jekk it-trakkijiet u transport

pubbliku idurx lejn Triq Dun Alwig u vici-versa la darba ssir hadida. Ghanda tintatlab laqgha fuq fuq il-post ma dawk koncernati.

Is-Sindku ippropona li l-materjal tal-bankini fil-kantunieri ghandu jinbidel u isir minn materjal haga wahda u b'kulur differenti u dan sabiex ikunu evitati hsarat kontinwi.

Emanuel Muscat qal li peress li jkunu kulur differenti jistghu jistonaw fil-post. Is-Sindku min-naha tieghu qal li minhabba dan, il-Kunsill jista' jikteb xi haga fuqhom bhal ma huwa isem taz-zona jew l-isem tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

7.7 Gew diskussi t-talbiet li saru mill-Ghaqdiet/Kumitat lokali wara l-ittra li intbghatet mill-Kunsill li hames kumitati li kienu stabiliti f'Awissu 2015 li kienu Ecclesia Mater, Kumitat Festa Esterna, Centru Parrokkjali l-Gharb, Gharb Rangers F.C. u Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Minn dawn il-Kunsill ircieva erba' talbiet ta' ghajnuna li kienu gejjin mill-Gharb Rangers F.C. fejn intalbet ghajnuna fl-organizazzjoni ta' attivitajiet li jigu organizzati matul is-sena, Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni fejn din talbet ghajnuna ghall-attivitajiet li torganizza matul is-sena u Centru Parrokkjali Gharb fejn intalbet ghajnuna sabiex jitella' s-Summer Club li jsir ta' kull sena ghat-tfal u adoloxxenti tar-rahal. Il-Kunsill qabel li jaghti l-ghajnuna ta' €500 lil Gharb Rangers FC, Centru Parrokkjali l-Gharb u Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn ghandhom jintrabtu li jgibu l-logo tal-Kunsill fuq il-materjal pubblicitarju li juzaw meta jaghmlu xi attivita'.

7.8 Il-Vici Sindku semmiet li l-bank tal-fgura ghad mhux lest. Peress li l-haddiem Raymond Rotin li kellu jaghmel dan ix-xoghol qieghed impenjat jibni hitan tas-sejjieh, il-Kunsill qabel li ghandu jmur haddiem iehor sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg.

7.9 Saret diskussjoni dwar il-Mera ta' Triq l-Gharb kantuniera ma' Triq Frangisk Portelli fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Mera trangat biex turi tajjeb pero' din tinsab fi stat hazin li fil-futur qarib din ser ikollha tinbidel. Il-Kunsill qabel li sakemm ghadha tajjeb u turi sewwa tibqa' tintuza pero' jekk issir xi hsara din tinbidel.

7.10 Gew diskussi it-tabelli tal-Country Walk peress li dawn ta' sikwit issib wahda imwaqqa. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintuzaw tacci tar-ram sabiex jitrangaw u jibqghu imwahhla tajjeb.

7.11 Il-Vici Sindku staqsiet dwar it-tappieri ta' Triq il-Knisja fejn is-Sindku qal li l-kuntrattur gie moghti deadline u jekk jibqghu ma jsirux ser isir ix-xoghol minn A&E Mintoff ghas-spejjez tal-kuntrattur.

Anthony Camilleri qal li trid tara kif taghmel ix-xoghol ghax jekk jghaddu l-karozzi minn fuqhom dawn jinkisru mill-ewwel. Is-Sindku qal li l-Konkos irid bejn gimghatejn u tlieta biex jinxfu.

Anthony Camilleri staqsa dwar min ser ikun responsabbli ladarba dawn jinkisru. Gie spjegat li r-responsabilita' tkun tat-tieni kuntrattur li ha jkun ghamel ix-xoghol.

**Pagna 6 Minuti ta' l-44 laqgha**

Emanuel Muscat issugerixxa sabiex issir pjanca meta jsir ix-xoghol.

## 8.0 Aggornament

8.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm b'urgenza meta jkunu lesti il-Financial Statements jigifieri fil-gimgha li tispicca 19 ta' Frar, 2016.

8.1 Il-laqgha spiccat hin 5.10.pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv